L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# DIRETTIVI RIGWARD IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-FESTI 2020

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Hu ta' ferħ għall-Knisja f'Malta li, issa li l-Awtoritajiet tas-Saħħa u dawk Governattivi qed jindikaw li jistgħu jsiru attivitajiet tal-massa, iseħħ dak li ntqal fiċ-ċirkulari tal-Konferenza Episkopali Maltija nhar l-24 ta' Marzu 2020.

1.2 Dawn id-direttivi tal-Arċidjoċesi ta' Malta qed jinħarġu wara konsultazzjoni ma' diversi entitajiet fosthom il-kappillani u l-Għaqda Każini tal-Baned.

1.3 Minħabba l-preżenza ta' numru ta' nies vulnerabbli hu importanti ħafna li l-miżuri ta' mitigazzjoni li jkunu fis-seħħ fiż-żmien li tiġi ċċelebrata l-festa jitħarsu b'responsabiltà.

## 2. PRINĊIPJI

2.1 Il-prinċipju primarju li jiggwida dawn id-direttivi hu wieħed ta' radd il-ħajr lil Alla. Hi ħaġa xierqa li filwaqt li niftakru fl-eżempji sbieħ tal-ħajja ta' Marija jew tal-qaddisin, u nirringrazzjawhom għall-interċessjoni tagħhom, inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel magħna, speċjalment f'din is-sena li kienet karatterizzata minn pandemija.

2.2 It-tieni prinċipju li għandu jitħares hu dak tal-ħajja komunitarja fi ħdan il-parroċċi. Għalhekk għandu jitħeġġeġ, li kemm jista' jkun, il-membri tal-komunità nnifisha jieħdu sehem attiv f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

2.3 It-tielet prinċipju hu dak ta' solidarjetà. Fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' din is-sena, għandha ssir enfasi akbar mis-soltu fuq is-sens ta' solidarjetà fil-jum tal-festa. Il-parroċċi għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex fil-festa tingħata għajnuna u attenzjoni partikolari lil dawk il-persuni l-aktar vulnerabbli fil-komunità parrokkjali f'din is-sena li fiha diversi familji jinsabu fi sfidi finanzjarji. Dan għandu jilħaq il-qofol tiegħu f'impenn ferm akbar fil-qasam tad-djakonija u f'impenn biex f'dak li nagħmlu nieħdu ħsieb is-saħħa ta' xulxin, speċjalment ta' dawk l-aktar vulnerabbli.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 5350
Email. info@maltadiocese.org
www.knisja.mt

## 3. DEFINIZZJONIJIET

3.1 Għal fini ta’ dan id-dokument:

3.1.1 Parroċċa tirreferi għall-knejjes kollha ta’ Malta, inkluż dawk parrokkjali u reliġjużi, u kull entità Kattolika oħra li torganizza festa reliġjuża.

3.1.2 Kappillan jirreferi għal arċiprieti, kappillani, retturi ta’ knejjes u superjuri reliġjużi.

## 4. APPLIKABILITÀ

4.1 Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mill-1 ta’ Lulju 2020 u jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta’ Diċembru 2020 jew sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra maħruġa mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.

4.2 Bla preġudizzju għal kwalunkwe liġi jew obbligazzjoni legali oħra maħruġa mill-Gvern jew l-Awtoritajiet tas-Saħħa, dawn id-direttivi għandhom jiġu rispettati fil- knejjes kollha ta’ Malta, inkluż dawk parrokkjali u reliġjużi għas-sena 2020.

4.3 F’każ ta’ direttivi jew obbligi legali ġodda, dawn id-direttivi jistgħu jiġu rtirati jew ristretti mingħajr preavviż.

4.4 Direttivi ekkleżjastiċi oħra relatati mal-imxija tal-Covid-19 li jkunu fis-seħħ japplikaw ukoll fil-każ tal-festi.

4.5 Ksur ta’ dawn id-direttivi jistgħu jwasslu għall-miżuri min-naħa tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li jistgħu jkollhom konsegwenzi fuq il-festa partikolari fis-snin ta’ wara.

4.6 Dawn id-direttivi jgħoddu għall-festi titulari, festi sekondarji u festi oħra li jsiru fil-parroċċa.

4.7 Dawn id-direttivi ma għandhomx jitqiesu bħala permess biex jittieħdu inizjattivi oħra li normalment jitolbu rikors jew permess mill-Kurja, għajr il-fatt li jsir pellegrinaġġ u l-ħin tiegħu.

4.8 Kwalunke parti minn dan id-dokument ma għandux jitqies bħala preċedent għall-festi fis-snin li ġejjin. Dak li jsir din is-sena ma għandux jitqies bħala awtomatikament permissibbli fis-snin li ġejjin, imma jkollhom jintalbu permessi mill-ġdid skont il-proċedura li jkun hemm fis-seħħ dak iż-żmien.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## 5. ID-DATA TAL-FESTA

5.1 Il-festa għanda tiġi ċċelebrata fid-data tal-festa liturġika jew inkella fil-Ħadd li s-soltu tkun iċċelebrata l-festa fix-xhur tas-sajf.

5.2 Dawk il-parroċċi, li kemm il-festa liturġika kif ukoll il-ġurnata tal-festa fis-sajf, ġa għaddew, jew fejn ma tistax tiġi ċċelebrata f'dik id-data għandhom isibu ġurnata oħra li fiha jiċċelebraw il-festa. Din il-ġurnata għandu jkollha l-approvazzjoni tal-Vigarju Ġenerali qabel titħabbar.

5.3 Ma għandhiex tintagħżel id-data tal-14 ta' Settembru. Fiha se jkun qed isir pellegrinaġġ djoċesan immexxi minn Mons. Arċisqof bi xbieha għażiża tal-Kurċifiss meqjuma fil-Knisja ta' Ġieżu, il-Belt Valletta.

5.4 Din is-sena, il-festa għandha tiġi ċċelebrata fil-jum biss billi jkun hemm quddiesa tal-festa u jsir pellegrinaġġ ta' talb u ringrazzjament bil-vara meqjuma f'dik il-festa. Il-pellegrinaġġ jista' jsir filgħodu jew filgħaxija.

## 6. ĦRUĠ U DĦUL TAL-VARA

6.1 L-istatwa għandha tinħareġ min-niċċa b'mod privat f'ġurnata li jagħżel il-Kappillan, mhux aktar kmieni minn jumejn qabel ma tkun se tiġi ċċelebrata l-festa.

6.2 Id-dħul tal-vara lura fin-niċċa għandu jsir b'mod privat sa mhux aktar tard minn jumejn wara l-festa.

## 7. L-ARMAR TAL-KNISJA U TAT-TOROQ

7.1 Sa fejn hu possibbli l-artal maġġur għandu jkun armat bl-istess armar li s-soltu jkun armat fil-festa.

7.2 Artali ta' festi sekondarji għandhom ikunu armati bl-istess armar li s-soltu jkunu armati bih fil-festa tagħhom.

7.3 Il-kumplament tal-Knisja minn ġewwa jista' jkun armat ukoll b'mod modest, u b'rispett lejn id-drawwiet tal-post. Ma għandux isir armar aktar milli jsir is-soltu. Il-parroċċa ma għandhiex tidħol għal spejjeż biex isir dan l-armar għajr għall-fjuri u x-xemgħat.

7.4 It-tiżjin tal-knisja minn barra u t-toroq jista' jsir sakemm il-parroċċa ma tidħolx għal spejjeż biex dan isir. Dan ma jgħoddx għal armar neċessarju li jintuża biex isir it-talb.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## 8. IL-QUDDIESA TAL-FESTA

8.1 Il-Quddiesa Solenni għandha tkun ċelebrata b’mod dinjituż.

8.2 Il-kappillan għandu jiddeċiedi liema tip ta’ mużika u kant huwa possibbli u vijabbli biex tkun iċċelebrata l-quddiesa tal-festa fiċ-ċirkostanzi ta’ din is-sena.

8.2.1 F’dan ir-rigward, hu ssuġġerit li jintuża l-kor parrokkjali biex hekk ikun hemm aktar involviment ta’ parruċċani fil-festa.

8.2.2 Meta ċ-ċirkustanzi ma jippermettux dan, jistgħu jitqabbdu korijiet/mużiċisti/kantanti oħra.

8.3 Il-ħin li fih tkun iċċelebrata l-quddiesa (filgħodu jew filgħaxija) jiddeċidih il-kappillan.

## 9. IL-PELLEGRINAĠĠ

9.1 Il-pellegrinaġġ huwa mixja ta’ fidi. Fih l-insara huma mistiedna jagħmlu stqarrija ta’ fidi u jitolbu bl-interċessjoni tal-qaddisin. Il-parroċċa għandha tieħu ħsieb li t-talb tul il-pellegrinaġġ ikun organizzat bl-aħjar mod u b’tali mod li l-poplu jkun jista’ jieħu sehem.

9.2 Fil-pellegrinaġġ jistgħu jieħdu sehem il-fratellanzi.

9.3 Fil-każ ta’ dan il-pellegrinaġġ jistgħu jinħarġu wkoll iċ-ċensier, l-akkolti, is-salib tal-kleru, eċċ. Tista’ tinħareġ ukoll ir-relikwa. Il-kleru li jkunu qed jakkumpanja jilbes ilbies liturġiku addattat.

9.4 It-tul u r-rotta tal-pellegrinaġġ jiddeċidihom il-kappillan. Il-pellegrinaġġ ma għandux jdum aktar minn sagħtejn.

9.5 Fil-każ tal-pellegrinaġġ, fid-dħul tal-vara fil-knisja, tista’ ssir ċelebrazzjoni liturġika li tinkludi l-barka sagramentali.

## 10. IS-SEHEM TAL-BANED

10.1 Din is-sena fil-pellegrinaġġ għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw il-baned lokali kollha marbuta ma’ dik il-festa.

10.2 Minħabba n-natura tal-pellegrinaġġ, għandhom jindaqqu biss innijiet reliġjużi u innijiet jew marċi proċessjonali marbuta mal-qaddis/a, li jkunu ġew miftiehma minn qabel mal-kappillan.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

10.3 Ma jistgħux jindaqqu marċi brijużi waqt is-servizz li jkun qed jingħata relatat mal-pellegrinaġġ.

10.4 Il-mod ta' parteċipazzjoni tal-baned fil-pellegrinaġġ ikun fid-diskrezzjoni tal-kappillan.

## 11. MATERJI OĦRA

11.1 Kull tip ta' ftehim jew kuntratt li jirregola s-sehem ta' għaqdiet differenti fil-festa, għal din is-sena huwa sospiż. Nappellaw għal maturità u l-koperazzjoni bejn il-partijiet kollha sabiex il-festa tagħti ġieħ lill-qaddisin protetturi tagħna.